This should be determined with the advice of the Director, Department of Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

c) be in possession of an Honours degree in Statistics, Economics, Mathematics, Sociology, Accountancy, Banking or Finance with Second Class Upper classification as a minimum. University students in these disciplines who expect to graduate during the year 2007 are eligible to apply and may be considered subject to the successful completion of their course of studies as indicated above.

d) Ikunu ta' karattru morali tajjeb. Għandu jiġi ppreżentat ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (xhur) qabel id-data ta' din is-sejħa. Impjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jistgħu japplikaw iżda jkunu jridu jirriżenjaw jekk jintgħażlu għal din il-pożizzjoni.

e) jagħtu prova tal-kompetenza tagħhom fl-użu tal-kompjuter.

6. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-Management and Personnel Office.

Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Direttur Ġenerali, Uffiċċju Nazzjonlali ta' l-Istatistika, Lascaris, Valletta CMR 02 u tkun ikkupjat lill-KNPD, sad-data ta' l-għeluq.

7. Applikazzjonijiet *handwritten* flimkien ma' *curriculum vitae* dettaljat li juri l-kwalifiki u l-esperjenza ta' xogħol, kif ukoll kopji ta' ċertifikati u dokumenti oħra għandhom jintbagħtu lid-Direttur Ġenerali, Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika, Lascaris, Valletta CMR 02. Ċertifikati u dokumenti oħra oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista.

8. Persuni li jinħatru fil-post ta' Statistiku jistgħu jkunu meħtieġa jsegwu studju u/jew taħriġ f'Malta jew barra minn Malta. Min jintbagħat barra minn Malta jkun marbut bir-regoli u regolamenti ta' l-Awtorità ta' l-Istatistika ta' Malta.

9. L-applikanti eliġibbli jiġu intervistati minn Bord ta' Għażla sabiex jiġi stabbilit kemm ikunu adatti għal dan il-post.

10. L-applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li jkunu adatti għal dan il-post.

11. Applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika, Lascaris, Valletta CMR 02 sa mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tnejn, il-11 ta' Diċembru 2006.

d) Be of good moral character. A recent Police certificate of conduct or of another competent Authority issued not earlier than six (6) months from the date of this call should be presented. Employees serving in the Public Service of Malta may also apply but they must resign their position if chosen for the post of Statistician.

e) Supply proof of their competence in computer use.

6. Person registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office.

Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents, which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Director General, National Statistics Office, Lascaris, Valletta CMR 02 and copied to the NCPD, by the closing date.

7. Handwritten applications together with a detailed curriculum vitae showing qualifications and work experience, together with copies of certificates and testimonials should be sent to the Director General, National Statistics Office, Lascaris, Valletta CMR 02. Original certificates and testimonials should be produced for verification during the interview.

8. The persons appointed to the post of Statistician may be required to follow courses and\or training locally or abroad. Appointees proceeding abroad will be bound by the rules and regulations of the Malta Statistics Authority.

9. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to establish whether they are suitable for this post.

10. The selected applicant will be medically examined to ascertain his/her fitness for the post.

11. Applications will be received in the first instance by the Director General, National Statistics Office, Lascaris, Valletta CMR 02 by not later than noon of Monday, 11th December 2006.

12. Applikazzjonijiet li jiġu minn barra minn Malta permezz tal-posta, *fax* jew *e-mail* sad-data ta' l-għeluq jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji rikjesti kollha. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal fl-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* ta' l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika huwa (+356) 2599 7103 u l-indirizz tal-*e-mail* huwa nso@gov.mt

13. Tingħata rċevuta minnufih mid-Direttur Ġenerali, Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika għal kull applikazzjoni li titwassal personalment.

14. Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jiġu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu mhux aktar tard mid-data ta' l-għeluq. Tintbagħat irċevuta mid-Direttur Ġenerali, Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika fi żmien sebat (7) ijiem.

Numru tal-Permess ta' l-*ETC*: 197/2006

Il-21 ta' Novembru 2006

12. Applications received from abroad by post, fax or e-mail by the closing date may be considered, provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the National Statistics Office by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The National Statistics Office fax number is (+356) 2599 7103 and e-mail address nso@gov.mt

13. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director General, National Statistics Office and a receipt will be given at the time of delivery.

14. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director General, National Statistics Office within seven (7) days.

ETC Permit: 197/2006

21st November 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Senior Registrar* (Oftalmija) fid-Diviżjoni tas-Saħħa, fil-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adatti u b'esperjenza għall-post ta' *Senior Registrar* (Oftalmija) fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Senior Registrar* (Oftalmija) għandu salarju ta' Lm7,638 fis-sena li jiżdied b'Lm275 fis-sena sa massimu ta' Lm9,288 (Skala ta' Salarju 5).

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem skond *roster* stabbilit li jinkludi *night duty*. Dan ir-*roster* jagħti kunsiderazzjoni għall-ħtiġiet ta' taħriġ fejn japplikaw minn żmien għal żmien kif ukoll l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u xogħol fil-ħdud u btajjel pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-ohra u suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Senior Registrar (Ophthalmology) in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from duly qualified and experienced Medical Practitioners for the post of Senior Registrar (Ophthalmology) in the Health Division.

2. The post of Senior Registrar (Ophthalmology) carries a salary of Lm7,638 per annum rising by annual increments of Lm275 up to a maximum of Lm9,288 (Salary Scale 5).

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be required to work in accordance with an established roster which will include night duty. This roster will take into consideration training requirements as may be applicable from time to time as well as the exigencies of the service. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may

mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

a) dan isir strettament barra mill-hinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tassisti lill-*Consultant Surgeon* fit-tmexxija ġenerali tal-pazjenti.

5.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tagħmel investigazzjonijiet oftalmiċi speċjalizzati bħal *fluorescin angiograms u diagnostic electro retinograms*.

5.3. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tieħu sehem fil-programmi ta' tagħlim jew taħriġ ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni li jiġu organizzati mid-Dipartiment ta' l-Oftalmija u li tinvolvi ruħha fi programmi kontinwi ta' riċerka.

5.4. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tkopri *Ophthalmic clinics* fl-isptar Ġenerali ta' Għawdex, l-isptarijiet ġerjatriċi u fiċ-Ċentri tas-Saħħa skond l-esiġenzi tas-servizz.

5.5. Il-persuna nominata tkun responsabbli lejn il-Konsulent immedjat tagħha u fl-aħħarnett lejn iċ-*Chairman* tad-Dipartiment tal-Oftalmija u tkun soġġetta għal xi reviżjoni ta' dmirijiet kif ikun meħtieġ minn żmien għal żmien.

5.6. Il-persuna nominata tkun trid tistabbilixxi mekkaniżmu xieraq għall-assigurazzjoni ta' kwalità tas-servizz u verifika medika.

5.7. Il-persuna magħżula tkun trid tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

6. L-applikanti għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:-

a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The appointee will be required to assist the Consultant Surgeon in the management of patients.

5.2. The appointee will be required to carry out specialised ophthalmic investigations such as fluorescin angiograms and diagnostic electro retinograms.

5.3. The appointee will be required to participate in any teaching or training programme for undergraduates or postgraduates organised by the Department of Ophthalmology and to involve himself/herself in on-going research programmes.

5.4. The appointee will be required to cover ophthalmic clinics in Gozo General Hospital, the geriatric hospitals and Health Centres according to the exigencies of the service.

5.5. The appointee will be responsible to his/her immediate Consultant and ultimately to the Chairman, Department of Ophthalmology and his/her duties will be subject to any review as necessary from time to time.

5.6. The appointee will be required to establish appropriate mechanisms to ensure quality of service and medical audit.

5.7. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

6. Applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-hatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

d) ikollhom kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fl-Oftalmija (e.ż. *FRCS Ophthalmic Certificate* tar-Renju Unit jew kwalifika oħra komparabbli xierqa) u tliet snin esperjenza ta' wara r-reġistrazzjoni fl-ispeċjalità wara li jiksbu l-kwalifika imsemmija. Din l-esperjenza trid tinkludi esperjenza xierqa kirurġika biex isiru proċeduri kirurġiċi ta' *anterior segment* u xi esperjenza ta' *posterior segment;*

JEW

Ikunu reġistrati fl-i*Specialist Register* ta' l-Oftalmija kif ippubblikat mill Kunsill Mediku.

e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

(c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

(d) be in possession of a higher postgraduate qualification in Ophthalmology (e.g. F.R.C.S. Ophthalmic certificate of U.K. or other appropriate comparable qualification) and three years post registration experience in the speciality following the attainment of the above-mentioned qualification. Such experience is to include suitable surgical experience to carry out anterior segment surgical procedures and some posterior segment experience;

OR

registered on the Specialist Register of Ophthalmology as published by the Medical Council.

(e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a service and Leave Record Form (GP47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Malta Government Service giving details).

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant

dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8.2. Hija r-responabiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/Istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġ mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg jew l-awtorità konċernata, skond il-każ, liema rapport għandu jiġi mehmuż ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali jintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport, ikunu jistgħu japplikaw iżda jridu jibgħatu kopja tar-rapport maħruġ mill-awtorità pertinenti lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-disposizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet;

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun addattat għall-post.

9.2. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal dan il-post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* u l-ismijiet ta' żewġ *referee*s jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Diċembru 2006.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Diċembru 2006 jistgħu jiġu

documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which report should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report by the pertinent authority to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

10. The selected candidate will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

12. The prescribed application forms together with a curriculum vitae and the names of two referees will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources Department, Health Division, 6 Harper Lane, Floriana by not later than noon of Friday, 15th December 2006.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 15th December

kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21226285 u + 356 21235890.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jintbagħtu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Il-21 ta' Diċembru, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Senior Registrar (General Medicine)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa, fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adatti u b'esperjenza għall-postijiet ta' *Senior Registrar (General Medicine)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Senior Registrar (General Medicine)* għandu salarju ta' Lm7,638 fis-sena li jiżdied b'Lm275 fis-sena sa massimu ta' Lm9,288 (Skala ta' Salarju Nru. 5).

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Divizjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem skond *roster* stabbilit li jinkludi *night duty*. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuni nominati jitħallew jeżerċitaw il-professjoni tagħhom privatament kemm-il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħhom; u

2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356-21226285 and + 356 - 21235890.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven (7) days.

21st November, 2006

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Senior Registrar (General Medicine) in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from duly qualified and experienced Medical Practitioners for the posts of Senior Registrar (General Medicine) in the Health Division.

2. The post of Senior Registrar (General Medicine) carries a salary of Lm7,638 per annum rising by annual increments of Lm275 up to a maximum of Lm9,288 (Salary Scale No. 5).

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be required to work in accordance with an established roster which will include night duty. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointees will be allowed to undertake private practice of their profession provided that:

a) it is carried out strictly outside official hours of work; and

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħhom jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna nominata tkun trid taħdem fid-Dipartiment tal-Mediċina fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

5.2. Il-persuna nominata tkun responsabbli lejn il-konsulent immedjat tagħha u fl-aħħarnett lejn iċ-*Chairman* tad-Dipartiment tal-Mediċina u tkun soġġetta għal xi reviżjoni ta' dmirijiet kif ikun meħtieġ minn żmien għal żmien.

5.3. Il-persuna nominata trid tipprovdi servizz mediku kliniku għall-*inpatients* u *outpatients* ibbażat fl-Isptar San Luqa. Id-doveri u r-responsabbilitjiet jinkludu:

a) tieħu sehem fil-provvediment ta' kura medika ta' rutina u ta' emerġenza għall-*inpatients* fl-Isptar San Luqa u sptarijiet oħra (li jistgħu jinkludu l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex).

b) tattendi u tmexxi *ward rounds* u *outpatients clinics* kif jinħtieġ.

ċ) tikkonsulta ma' kollegi li jkunu xogħol immedjatament qabilha jew warajha biex tassigura komunikazzjoni xierqa u kontinwità tal-kura tal-pazjent. Hi tkun trid tikkonsulta ruħha ma' impjegati oħra (infermiera, tekniċi u impjegati oħra ta' dipartimenti oħra) biex tassigura li l-informazzjoni meħtieġa fuq il-kura tal-paġjent u l-investigazzjoni meħtieġa jkunu fehmuhom sewwa.

d) tagħmilha flok il-*Consultant Physician* kif jinħtieġ.

e) tissorvelja x-xogħol ta' l-istaff mediku fil-gradi anqas minn *Senior Registrar*. Dan jinkludi reviżjoni sewwa tar-*records* tal-pazjenti biex jiġi assigurat li huma korretti, aġġornati u li jinqraw.

f) iżżomm kuntatt mal-qraba tal-pazjenti.

g) tkopri l-kollegi tagħha f'emerġenza jew meta dawn ikunu bil-*vacation leave* jew xi *leave* ieħor.

h) tiddikjara li f'ċirkostanzi eċċezzjonali trid tattendi għax-xogħol f'dawk il-każi mhux tas-soltu barra mill-ħinijiet normali tar-*roster* tagħha skond kif ikun meħtieġ għall-kontinwità tal-kura tal-pazjenti.

i) tuża s-sistemi ta' Teknologija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

j) tistabbilixxi mekkaniżmu xieraq għall-assigurazzjoni ta' kwalità tas-servizz u verifika medika.

5.4. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tieħu sehem fil-programmi ta' tagħlim ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni li jiġu organizzati mid-Dipartiment tal-Mediċina u li tinvolvi ruħha fi programmi kontinwi ta' riċerka.

b) it does not interfere or conflict with their official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The appointee will be required to work in the Department of Medicine in the Health Division.

5.2. The appointee will be responsible to his/her immediate consultant and ultimately to the Chairman of the Department of Medicine and hisċher duties will be subject to any review as necessary from time to time.

5.3. The appointee will provide a clinical inpatient and outpatient medical service based at St. Luke's Hospital. The main duties and responsibilities include:

a) participating in the day to day provision of routine and emergency medical care for in-patients at St.Luke's Hospital and other hospitals (which may include Gozo General Hospital).

b) attending and conducting ward rounds and out-patient clinics as required.

c) liaising with colleagues who are on duty immediately before or after care. He/She must liaise with other staff (nursing, technical and other staff of other departments) to ensure that necessary information on patient care and investigation required are fully understood.

d) deputizing for the consultant physician as necessary.

e) supervising the work of medical staff below the level of Senior Registrar. This should include careful review of patient records to make sure that they are accurate, up to date and legible.

f) liaising with patients' relatives.

g) providing cover for other colleagues in an emergency or when on vacation or other leave.

h) undertaking to be available, under exceptional circumstances, for such irregular commitments outside normally rostered duties as are essential for continuity of patient care.

i) making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

j) establishing appropriate mechanisms to ensure quality of services and medical audit.

5.4. The appointee will be required to participate in any teaching or training programme for undergraduates or postgraduates organised by the Department of Medicine and to involve himself/herself in on-going research programmes.

6. L-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' L-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għal ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

(ċ) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

(d) ikollhom kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fil-Mediċina (MRCP jew kwalifika oħra komparabbli xierqa) u tliet snin wara r-reġistrazzjoni ta' esperjenza fl-ispecjalità wara li jiksbu il-kwalifika msemmija hawn fuq;

JEW

Ikunu reġistrati fl-i*Specialist Register* tal-*General Medicine* kif ippubblikat mill-Kunsill Mediku.

(e)ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti u jagħtu d-dettalji).

6. Applicants must:-

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

(c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

(d) be in possession of a higher postgraduate qualification in General Medicine (MRCP or other appropriate comparable qualification) and three years post registration experience in the speciality following the attainment of the above-mentioned qualification;

OR

registered on the Specialist Register of General Medicine as published by the Medical Council.

(e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8.2. Hija r-responabiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/Istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC)* fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg jew l-awtorità konċernata, skond il-każ, liema rapport għandu jiġi mehmuż ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali jintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport, ikunu jistgħu japplikaw iżda jridu jibagħtu kopja tar-rapport maħruġ mill-awtorità pertinenti lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-disposizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet;

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

10. L-applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates andċor testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which report should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report by the pertinent authority to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

10. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mil-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, Floriana, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Diċembru 2006.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofs innhar ta' nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Diċembru 2006 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Il-21 ta' Novembru, 2006

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

12. The prescribed application forms together with a curriculum vitae and the names of two referees will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources Department, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon of Friday, 15th December 2006.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 15th December 2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the receiving Division are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

21st November, 2006

KUNSILL LOKALI GĦARGĦUR

Vakanza ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill

Dan hu grad ta' *Senior Management*. Bħala l-Kap Eżekuttiv, Amministrattiv u Finanzjarju, is-Segretarju għandu jassigura li d-deċiżjonijiet kollha tal-Kunsill għandhom jiġu implimentati bl-aktar mod effiċjenti u b'sistema ta' Amministrazzjoni serja waqt li jassigura kontroll finanzjarju matul is-sena kollha.

Kwalifiki: Ebda persuna ma tikkwalifika biex tinħatar Segretarju jekk ma jkollhiex provi ta' dawn il-kwalifiki minimi li ġejjin:-

1. Ikun jaf/taf tajjeb il-proċeduri ta' *accounts* u *office computer applications*;

2. Ikollu esperjenza jew kompetenza maniġerjali u/jew eżekuttiva;

3. Ikollu dawk il-kwalifiki li normalment jintalbu biex wieħed jibda kors Universitarju fl-istudji għal *degree* fil-*Business Administration* u/jew *Management*.

Iżda dawn ir-rekwiżiti minimi ma japplikawx għal dawk il-persuni li fid-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti

GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

Vacancy of a Council's Executive Secretary

Quot. PFI No. 2722. Aspirin 75mg tablets.

Quot. PFI No. 2723. Alendronate 70mg tablets.

Quot. PFI No. 2724. Pilocarpine 5mg tabs.

Quot. PFI No. 2725. Estradiol with progestogen patches.

All the above PFI's can be downloaded from http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=240.

Further information may by obtained from the Government Pharmaceutical Services on any working day between 8.30 a.m. and noon.

21st November, 2006

DIVIŻJONI TAS-SAĦĦA –
TAQSIMA TAL-PROĠETTI

Id-Direttur Ġenerali (Saħħa) jgħarraf illi:–

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, id-19 ta' Diċembru, 2006 jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż. Nru. CAP. T 51/06. Provvista ta' għamara għaċ-Ċentru ġdid għad-Donazzjoni tad-Demm.

Avviż Nru. CAP. T 52/06. Provvista ta' *labels* għall-boroż tad-demm bil-*printers* b'self.

Avviż Nru. CAP. T 53/06. Provvista ta' *Physiodispenser* għall-Klinika Dentali ta' l-Iskola.

Il-formoli ta' l-offerti u aktar tagħrif dwar il-kundizzjonijiet ta' dawn l-offerti jinkisbu mit-Taqsima tal-Proġetti, Bini tal-*Medical Stores,* Pjazza San Luqa, Guardamangia, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Il-21 ta' Novembru, 2006

HEALTH DIVISION –
PROJECTS SECTION

The Director General (Health) notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Tuesday, 19th December, 2006, for:-

Advt. No. CAP. T 51/06. Supply of furniture for the new Blood Donation Centre.

Advt. No. CAP. T 52/06. Supply of blood bag labels with printers on loan.

Advt. No. CAP. T 53/06. Supply of a Physiodispenser for School Dental Clinic.

Forms of tenders and further information regarding the conditions of these tenders may be obtained from the Projects Section, Medical Stores Building, St Luke's Square, Guardamangia on any working day from 8.30 a.m. to noon.

21st November, 2006

KUNSILL MALTI GĦALL-KWALIFIKI
MINISTERU TA' L-EDUKAZZJONI, ŻGĦAŻAGĦ
U XOGĦOL

Il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol, jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-15 ta' Diċembru, 2006, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. Nru 249/06. Stampar ta' tliet dokumenti tal-Kunsill Malti għall-Politika dwar Kwalifiki.

Kwot. Nru. 250/06. Disinn u *layout* għal istampar ta' tliet dokumenti tal-Kunsill Malti għall-Politika dwar Kwalifiki.

Il-kwotazzjonijiet għandhom isiru fuq il-formoli preskritti li, flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra, jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mit-Taqsima tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki, (Kamra 401) tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol, il-Furjana, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Il-kwotazzjonijiet għandhom ikunu magħluqin f' envelop indirizzat minn qabel u mitfugħ fil-Kaxxa tal-Kwotazzjonijiet, li tinsab fit-Taqsima ta' l-*Accounts* tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol, Kamra 429 il-Furjana.

Il-21 ta' Novembru, 2006

MALTA QUALIFICATIONS COUNCIL
MINISTRY OF EDUCATION, YOUTH
AND EMPLOYMENT

The Ministry of Education, Youth and Employment, Floriana, notifies that:-

Sealed qoutations will be received up to noon of Friday, 15th December, 2006, for:-

Quot. No. 249/06. Printing of three Malta Qualifications Council Policy Documents.

Quot. No. 250/06. Design and layout of three Malta Qualifications Council Policy Documents.

Quotations should be made on the prescribed forms which, together with the relative conditions and other documents, are obtained on application from the Malta Qualifications Council Section of the Ministry of Education, Youth and Employment, Floriana, (Room 401) on any working day between 8.30 a.m. and noon.

Quotations should be enclosed in the ready-addressed envelope and deposited in the Quotations Box, located at the Accounts Section, Room 429, Ministry of Education Youth and Employment, Floriana.

21st November, 2006

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Ir-Rettur jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, l-20 ta' Diċembru, 2006, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. UM/1183. Manifattura, provvista, konsenja, stallazzjoni u kummissjunar ta' sistema kompluta ta' purtieri għall-*working stage* ta' l-Awditorju fil-Junior College - l-Università ta' Malta.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10.50 (inkluża l-VAT) għal kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. UM/1199. Provvista, konsenja u stallazzjoni ta' *seats* ta' awditorju għall-Awditorju fil-Junior College - l-Università ta' Malta.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10.50 (inkluża l-VAT) għal kull dokument ta' l-offerta.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet relativi u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-*Purchasing* u *Supplies,* l-Università ta' Malta, l-Imsida, (Kamra 316A, Bini ta' l-Amministrazzjoni) f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar. Il-ħlas għandu jsir fil-*Cash Office,* Bini ta' l-Amministrazzjoni, matul l-istess ħinijiet.

Il-pubbliku jista' jattendi matul il-ftuħ u l-għoti ta' l-offerti nhar l-Erbgħa, l-20 ta' Diċembru, 2006, fl-10.15 a.m. f'Kamra 300A, Bini ta' l-Amministrazzjoni, l-Università ta' Malta, l-Imsida.

Il-21 ta' Novembru, 2006

UNIVERSITY OF MALTA

The Rector notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 20th December, 2006, for:-

Advt. No. UM/1183. Fabrication, supply, delivery, installation and commissioning of a complete working stage curtain system for the Auditorium at the Junior College - University of Malta.

A document fee of Lm10.50 (inclusive of VAT) should be paid.

Advt. No. UM/1199. Supply, delivery and installation of auditorium seating for the Auditorium at the Junior College - University of Malta.

A document fee of Lm10.50 (inclusive of VAT) should be paid.

Tenders should be made only on the prescribed form, which together with the relative conditions and other documents may be obtained from the Purchasing and Supplies Section, University of Malta, Msida, (Room 316A, Administration Building) on any working day between 8.30 a.m. and noon. Payment should be effected at the Cash Office, Administration Building, during the same times.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders on Wednesday, 20th December, 2006 at 10.15 a.m. in Room 300A, Administration Block, University of Malta, Msida.

21st November, 2006

FONDAZZJONI GĦAS-SERVIZZI MEDIĊI

B'riferenza għall-avviż lippubblikat fil-Gazetta tal-Gvern tas-6 ta' Ottubru, 2006, f'paġna 8551, rigward il-Konċessjoni ta' Servizz għall-provvista ta' Servizzi ta' Sigurta Esterna u Ġestjoni ta' Parkeġġ tal-Karozzi u Traffiku fl-Isptar Mater Dei**,** ngħarrfu illi d-data ta' meta jintlaqgħu l-offerti tal-konċessjoni msemmija hawn fuq ġiet estiża b'ġimgħa mill-24 ta' Novembru, 2006 sa l-1 ta' Diċembru, 2006.

Il-21 ta' Novembru, 2006

FOUNDATION FOR MEDICAL SERVICES

With reference to the notice published in the Government Gazette dated 6th October, 2006, on page 8551, regarding the concession for the service of the provision of External Security, Car Park Management and Traffic Management at Mater Dei Hospital, the closing date for the submission of tenders in respect to the above concession has been extended by one week from the 24th November, 2006 to the 1st December, 2006.

21st November, 2006

AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA

Espressjoni ta' Interess

Ref: 2271/EX/2006

Stallazzjoni u manutenzjoni ta' Sistemi ta' Dawl, Sinjali, Marki tat-Toroq u Materjal Riflettiv għall-Mini.

L-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta (ADT) hija responsabbli li tippjana u tipprovdi pjan sistema ta' trasport fuq l-art sostenibbli, ta' kwalita għolja, bla periklu, integrat u effiċjenti li jilħaq il-ħtiġiet ta' vjaġġar tan-nies u l-ħtiġiet tat-trasport għall-moviment ta' prodotti fil-qafas nazzjonali ta' l-iżvilupp ekonomiku, inklużjoni soċjali u protezzjoni ta' l-ambjent.

Minħabba li l-Mini jiffurmaw parti integrali mill-Infrastruttura tat-Toroq, l-ADT qed tilqa' proposti biex ittejjeb u tieħu ħsieb l-erba' Mini prinċipali f'Malta kif jidher fit-tabella ta' hawn taħt, billi tiżgura li huma ta' l-ogħla livelli ta' sigurtà.

Ref ***Ref***	**Rotta** ***Route***	**Mina** ***Tunnel***	**Tul** ***Length***	**Wisgħa** ***Width***	**Għoli** ***Height***	**Tip** ***Type***	**Karreġġata** ***Carriageway***
T-A	1	St. Julians	300m	7.3-9.3m	6.8m	Cut Tunnel	Unidirectional Twin Tube
T-B	1	Tal-Qroqq	285m	11.1m	5.2-7.9m	Cut and Cover	Unidirectional Twin Box
T-C	1	Sta. Venera	320m	8.2m	6.8m	Cut Tunnel	Unidirectional Twin Tube
T-D	28	Kirkop	280m	10.9m	5.0m	Cut and Cover	Unidirectional Twin Box

Il-Proposta għandha tipprovdi soluzzjoni ġenerali għal dan li ġej:

Stallazzjoni u manutenzjoni kompleta ta' l-aħjar sistemi ta' dawl;

Stallazzjoni u manutenzjoni kompleta ta' materjal riflettiv mal-ġnub tal-mini biex jiżdied l-effett tad-dawl;

Stallazzjoni u manutenzjoni kompleta ta' sinjali tat-toroq, għamara tat-toroq, *cats eyes* u marki tat-toroq fil-mini.

Aktar informazzjoni:

Il-manutenzjoni ta' dawn is-sistemi u materjal tkun għal tul ta' bejn ħames u għaxar snin ;

Il-proposta għandha tfisser kif dawl normali u livelli ta' dawl *(cd/m2)* ikun garantit matul il-ġurnata u l-lejl kollha, u jittieħed in konsiderazzjoni l-adattament fit-tibdil fil-livelli ta' dawl li jkun hemm biex jiġi żgurat dħul u ħruġ mill-mini bla periklu f'kull ħin;

Għandhom jiġu kkunsidrati kemm miżuri passivi u attivi għall-adattament fit-tibdil fil-livelli ta' dawl fid-dħul u l-ħruġ;

Għandhom jiġu kkunsidrat inizjattivi ta' kif tiġi ffrankata l-enerġija.

Dawk interessati huma mitluba jissottomettu l-Proposta tagħhom mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn, it-18 ta' Diċembru, 2006, fl-10.00 a.m. f'dan l-indirizz:

MALTA TRANSPORT AUTHORITY

Expression of Interest

Ref: 2271/EX/2006

Installation and Maintenance of Lighting Systems, Signage, Road Markings, and Reflective Material for Tunnels

The Malta Transport Authority (ADT) is responsible to plan and provide for a sustainable, high quality, safe, integrated and efficient land transport system that will meet the traveling needs of people and the transport requirements for the movement of goods within the national framework for economic development, social inclusion and protection of the environment.

Since Tunnels form an integral part of the Road Network Infrastructure, the ADT is accepting Proposals to upgrade and maintain the four major Tunnels in Malta as illustrated in the table below, ensuring that they are up to the highest safety standards.

The Proposal should provide an overview solution on the following:

Installation and complete maintenance of state of the art lighting systems;

Installation and complete maintenance of reflective material on tunnel sides to increase effectiveness of lighting;

Complete maintenance of road signs, street furniture, cats eyes, and road markings in the tunnels.

Further information:

The maintenance of these systems and materials will be for a duration of between five and ten years;

The Proposal should explain how standard luminance and lighting levels (cd/m2) will be guaranteed throughout the day and night, taking into consideration the adaptation of surrounding fluctuating sunlight levels to ensure safe entry and exit into the tunnels at all times;

Both passive and active measures for adaptation of sunlight levels at the entry and exit should be considered;

Energy efficient initiatives should be considered.

Interested parties are invited to submit their Proposal by not later than Monday 18th December, at 10.00 a.m. to the following address:

L-Uffiċjal Prinċipali Eżekuttiv,
Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta,
Triq Sa Maison,
Il-Furjana
Tel: +356 2560 8000
Fax:+356 2125 5740
Email: info@maltatransport.com

Għall-pjanti tal-faċċati u pjanti tal-mini eżistenti, ibgħat email: info@maltatransport.com

Il-21 ta' Novembru, 2006

The Chief Executive Officer,
Malta Transport Authority,
Sa Maison Road,
Floriana
Tel: +356 2560 8000
Fax:+356 2125 5740
Email: info@maltatransport.com

For elevations and plans of existing tunnels, please email: info@maltatransport.com

21st November, 2006

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Id-Direttur Ġenerali ta' l-Edukazzjoni jgħarraf illi:-

Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, it-12 ta' Diċembru, 2006, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. PS 31/2006. Servizz ta' Gwardjan ta' Sigurtà bil-liċenza u bl-uniformi għall-parkeġġ tal-karozzi tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana (It-2 ta' Jannar sat-28 ta' Ġunju 2007).

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mit-Taqsima tal-Proġetti Kapitali Kamra 144, Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u 11.30 a.m.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5 għal kull kopja tad-dokument.

L-offerti għandhom ikunu magħluqa f'envelop u depożitati fil-Kaxxa ta' l-Offerti fit-Taqsima ta' l-Akkwisti (Kamra 144), Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana.

Il-21 ta' Novembru, 2006

EDUCATION DIVISION

The Director General of Education notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on Tuesday, 12th December, 2006, for:-

Advt. No. PS 31/2006. Services of a licensed and unifomed Security Guard at the Education Division's Car Park Floriana (2nd January to 28th June 2007).

Offers should be made on the prescribed form which, together with the relative conditions and other documents, are obtained on application from the Procurement Section Room 144 of the Education Division, Floriana, on any working day between 8.30 a.m. and 11.30 a.m.

A payment of Lm5 is to be effected on collection of the tender document.

Offers should be enclosed in the ready addressed envelope and deposited in the Tender Box located at the Procurement Section (Room 144), Education Division, Floriana.

21st November, 2006

KUNSILL LOKALI SANTA LUĊIJA

Il-Kunsill Lokali Santa Luċija jgħarraf illi:-

Sa nhar it-Tlieta, it-28 ta' Novembru 2006, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għall-armar bid-dawl għall-festa tal-Milied 2006/2007.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali li jinsab f'5/6, Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija, fil-ħinijiet ta' l-uffiċċju, numru tat-telefon: 21666600, numru tal-*fax*: 21666622.

Il-21 ta' Novembru, 2006

SANTA LUĊIJA LOCAL COUNCIL

The Santa Luċija Local Council notifies that:-

Sealed quotations will be received up to Tuesday, 28th November 2006 for street lights and decorations for Christmas 2006/2007.

Further details can be obtained from the Local Council's Administrative Office at 5/6, Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija, during office hours, telephone number 21666600, fax number 21666622.

21st November, 2006

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1743

Ikun jaf kulħadd illi il-Qorti Ċivili Prim'Awla permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Ġunju 2006, fl-atti tar-Rikors ġuramentat ta' l-attriċi numru 360/06 FS, fl-ismijiet Jane Rocco (127337M) vs Catherine Vella (296044M) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimata a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Prim'Awla fis-26 ta' April 2006, fl-ismijiet Jane Rocco (127337M) vs Catherine Vella (296044M), ir-rikorrenti Jane Rocco (127337M) esponiet bir-rispett;

Illi l-attriċi daħlet fi ftehim ta' lokazzjoni mal-konvenuta Catherine Vella, datat 15 ta' April 2004 (kopja ta' l-istess ftehim qed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok 'JRI' f' liema ftehim il-partijiet qablu illi l-attriċi tikri lill-konvenuta l-fond bin-numru 29 u bl-isem 'San Anton' fi Triq Nerik Sacco fil-Marsa.

Illi l-attriċi tagħmel riferenza għall-klawsola (a) fl-imsemmi ftehim fejn hemm provdut illi tali lokazzjoni hija irregolata ' 'mil-liġi ta' 1979 fejn hemm indikat li ċens jagħlaq jinqaleb f'kera'.

Illi l-attriċi tikkontendi illi ma seta' qatt il-ftehim ta' lokazzjoni li hija għamlet mal-konvenuta jiġi sottomess u tapplika għalih il-liġi fil-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta u dana stante din hija liġi speċjali illi sabiex ' ope legis' tapplika jridu jiġu ssodisfatti ċertu rekwiżiti kontenenti fl-istess liġi u mhux wieħed b' għażla tiegħu japplika tali liġi meta jidhirlu.

Illi għalhekk il-liġi li tirregola dan il-ftehim huma d-disposizzjonijiet tal-kera li jinsabu fil-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant l-attriċi umilment titlob li, għar-raġunijiet hawn fuq premessi, dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Prevja kull dikjarazzjoni oħra li dina l-Onorabbli Qorti tħoss li għandha tieħu fiċ-ċirkostanzi, tiddikjara illi l-lokazzjoni magħmula bejn il-kontendenti datata 15 ta' April 2004, hija regolta biss mid-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż u l-konvenuta minn issa inġunta għas-subizzjoni.

Lista ta' xhieda.

Konvenuta: 29, San Anton, Triq Nerik Sacco, Marsa.

Ir-Rikors numru 360/2006 FS, fl-ismijiet Rocco Jane vs

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 21st June 2006, in the records of the sworn Application of the plaintiff number 360/06 FS, in the names Jane Rocco (127337M) vs Catherine Vella (296044M) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Civil Court First Hall on the 26th April 2006, in the names Jane Rocco (127337M) vs Catherine Vella (296044M), the applicant Jane Rocco 127337M pleaded with respect;

That the plaintiff entered into a lease agreement with the defendant Catherine Vella dated 15th April 2004 (a copy of the same agreement is being here annexed and marked as Doc 'JRI' in which agreement the parties agreed that the plaintiff grants on lease to the defendant the premises with number 29 and the name 'San Anton' in Nerik Sacco Street, in Marsa.

That the plaintiff refers to clause (a) in the said agreement whereby it is provided that the said lease is regulated 'by the 1979 law whereby it is indicated that an emphyteusis which lapses shall be converted into a lease'.

That the plaintiff contends the lease agreement which she made with the defendant could never be subject and the law in Cap. 158 of the Laws of Malta could not apply to and this because it is a special law and so that 'ope legis' it applies certain requisites contained in the same law have to apply and not somebody at his discretion applies this law when he choses.

That thus the law that regulates this agreement are the provisions regulating lease which are found in Cap. 16 of the Laws of Malta.

Thus the plaintiff humbly prays that for the reasons above premised this Honourable Court:

1. Saving any other declaration that this Court feels that it should take in the circumstances, declare that the lease between the parties dated 15th April 2004 is regulated only by the provisions of Chapter 16 of the Laws of Malta.

With costs and the defendant is summoned so that a reference to her evidence be made.

List of Witnesses.

Defendant: 29, San Anton, Nerik Sacco Street, Marsa.

The Application number 360/2006 FS in the names Rocco

Vella Catherine, jinsab differit għall-14 ta' Diċembru 2006, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 16 ta' Novembru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Jane vs Vella Catherine has been put off to the 14th December 2006, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 16th November 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1744

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi Antoine Vella (ID 137970M) ippreżenta rikors ġuramentat (Nru. 315/06 NC) fejn talab il-KORREZZJONI TA' L-ATT TAT-TWELID ta' Lauren Vella numru 1453/2006 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum 16 ta' Novembru 2006.

BRUNO ZAHRA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas Antoine Vella (ID 137970M) filed an application under oath (No. 315/06 NC) demanding CORRECTION in the ACT OF BIRTH of Lauren Vella number 1453/2006 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
Today, 16th November 2006.

BRUNO ZAHRA
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1745

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) fis-27 ta' Ottubru 2006, minn Louis Wellman nomine, rikors numru 706/2006, fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa fi kwota ta' kwint (1/5) indiviż favur Joan Patullo (bint id-decjus), mart Kenneth Stanley; fi kwota ta' kwint (1/5) indiviż favur l-eredità Peter Angelo Manicola (bin id-decujus); fi kwota ta' kwint (1/5) indiviż favur l-eredità ta' John Paul Manicola (bin id-decujus); fi kwint (1/5) indiviż favur l-eredità ta' Joseph Charles George (bin id-decujus); u fi kwint (1/5) indiviż favur l-eredità ta' Charles Frank Manicola (bin id-decujus) is-SUĊĊESSJONI ta' Francesco sive Frank Manicola, bin il-mejtin John Paul Manicola u Ursola li kunjomha xebba mhux magħruf, imwieled Malta u miet fl-

It is hereby notified that by means of an application filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 27th October 2006, by Louis Wellman nomine, application number 706/2006, wherein he asked that it be declared open in the quota of one-fifth (1/5) undivided share in favour of Joan Patullo (daughter of the decujus), wife of Kenneth Stanley; in the quota of one-fifth undivided share in favour of the inheritance of Peter Angelo Manicola (son of the decujus) in the quota of one-fifth undivided share in favour of the inheritance of John Paul Manicola (son of the decujus) in the quota of one-fifth (1/5) undivided share in favour of the inheritance of Joseph Charles George (son of the decujus), an in the quota of (1/5) undivided in favour of the inheritance of Charles Frank Manicola (son of the decujus) the

istat ta' Victoria ġewwa l-Awstralja fl-1 ta' Settembru 1962, miet bla testament u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ tal-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 17 ta' Novembru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

SUCCESSION of Francesco sive Frank Manicola, son of the late John Paul Manicola and Ursola whose maiden surname is not known, born in Malta and who died in the state of Victoria, in Australia on the 1st September 1962, intestate, and thus the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section today 17th November 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1746

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Novembru 2006, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 245/05 GCD, fl-ismijiet Malta Industrial Parks Limited (C 28965) vs Euro Steel Panel Malta Limited (C 15006) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà konvenuta a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Avviż ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri, l-Erbgħa d-19 ta' Lulju 2006, il-kawża Ċitazzjoni Numru 245/2005 GCD, fl-ismijiet Malta Industrial Parks Limited C 28965 vs Euro Steel Panel Malta Limited C 15006, tqiegħdet fil-lista tal-kawżi li għandhom jinstemgħu nhar it-Tlieta, 24 ta' Ottubru 2006, fid-9.00 a.m.

B'ordni tal-Qorti ta' l-24 ta' Ottubru 2006, l-kawża hawn fuq imsemmija ġiet differita għall-għanijiet ta' l-ewwel dehera u għan-notifika għall-5 ta' Diċembru 2006, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 17 ta' Novembru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI,LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 8th November 2006, in the records of the Writ of Summons Number 245/05 GCD, in the names Malta Industrial Parks Limited (C 28965) vs Euro Steel Panel Malta Limited (C 15006) ordered the following publication for the purpose of service of the defendant company in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Notice of a cause issued by the Registry Superior Courts, on Wednesday 19th July 2006, the cause Writ of Summons Number 245/2005 GCD, in the names Malta Industrial Parks Limited C 28965 vs Euro Steel Panel Malta Limited C 15006, was entered in the list of causes which are to be heard on Tuesday 24th October 2006, at 9.00 a.m.

By order of the Court of the 24th October 2006, the cause above mentioned was put off for the purposes of the first sitting and in order that service be effected to the 5th December 2006, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 17th November 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1747

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi r-rikorrenta Lorita Zammit (K.I. Nru. 266075M) ippreżentat rikors ġuramentat (Nru. 377/06 NC) fejn talbet il-KORREZZJONI TA' L-ATT TAT-TWELID numru 3672/2004 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppeżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum 17 ta' Novembru, 2006.

CORA AZZOPARDI
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas the plaintiff Lorita Zammit (ID 266075M) filed an application under oath (No. 377/06 NC) demanding CORRECTIONS in the ACT OF BIRTH number 3672/2004 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
This 17th of November, 2006.

CORA AZZOPARDI
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1748

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim'Awla permezz ta' digriet, mogħti fil-5 ta' Ottubru 2006, fl-atti tal-protest fl-ismijiet Bernard Farrugia vs Peter Paul Muscat, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Rose Mary Holland u Helena Fountain, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili

Bernard Farrugia (ID 167738M) u
Maria Dolores Farrugia (1060344M)

Vs

Peter Paul Muscat (ID 37750G)
Rita Muscat (ID 47550G)
Rose Mary Holland (ID 165342M)
Helena Fountain xebba Holland (ID 564574M)
Empire Holdings & Co (P949) ġa Empire Holdings Co. Limited (C 3793).

Protest Ġudizzjarju ta' Bernard Farrugia u Maria Dolores Farrugia;

Jesponu bir-rispett:

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 5th October 2006, in the records of the judicial protest Bernard Farrugia vs Peter Paul Muscat ordered the following publication for the purpose of service of Rose Mary Holland and Helena Fountain, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall Civil Court

Bernard Farrugia (ID 167738M) and
Maria Dolores Farrugia (1060344M)

Vs

Peter Paul Muscat (ID 37750G)
Rita Muscat (ID 47550 G)
Rose Mary Holland (Id 165342M)
Helena Fountain neé Holland (ID 564574M)
Empire Holdings & Co (P 949) previously Empire Holdings Co. Limited (C 3793).

Judicial Protest of Bernard Farrugia and Maria Dolores Farrugia;

Plead with respect:

Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Brincat datat 30 ta' Settembru 1982, l-esponenti kienu biegħu u ttrasferixxu lid-defunt Onorovoli Ministru Dottor Patrick Holland, porzjon diviża ta' art tal-kejl ta' 395m^2 (tliet mija u ħamsa u disgħin metru kwadru) ġewwa ta' l-Ibraġġ, is-Swieqi li dak iż-żmien kienet tmiss mill-irjieħ kollha ma' beni ta' l-istess Onor. Patrick Holland, salv mill-punent ma' beni ta' ċertu Saliba;

Illi dan il-bejgħ sar u ġie aċċettat versu l-prezz ta' tmien mitt lira;

Illi inoltre permezz ta' l-istess kuntratt il-vendituri, esponenti odjerni, irriservaw favur tagħhom id-dritt illi jekk il-kompratur,ossija l-Onor. Patrick Holland, jiġi biex ibiegħ dina l-art minghajr benefikati immobbli fuqha, l-istess Onor. Patrick Holland, ikollu jbiegħha lill-istess vendituri, esponenti odjerni, bil-prezz li xtraha l-Onor P. Holland (ossija Lm800), jew jekk ikunu saru benefikati fuqha tinxtara mill-vendituri, esponenti odjerni, bil-prezz imsemmi (ossija Lm800) oltre l-valur tal-benefikati li jkunu saru fuqha.

Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat, datat 2 ta' Mejju 1988, Rose Holland, mart l-Onor. P. Holland li kien miet fis-27 ta' Awissu 1986, f'isimha proprio u f'isem bintha, dak iż-żmien minuri, Helena Holland biegħet u ttrasferiet lil Empire Holdings Co. Limited, il-proprjetà li hija u bintha kellhom ġewwa ta' l-Ibraġġ salv għal dik il-porzjon li d-defunt Onor. P. Holland kien akkwista minghand l-esponenti. Fil-fatt fl-imsemmi kuntratt jiġi ddikjarat hekk: ' u mill-punent ma' biċċa art oħra tal-vendituri (minnhom mixtrija minghand Bernard Farrugia u li mhux qiegħda tinbiegħ u li se tibqa' proprjetà tal-venditriċi u li għandha l-kejl ta' tliet mija u ħamsa u disgħin metru kwadru (395m^2)'

Illi għalhekk dina l-porzjoni diviża ta' art baqgħet proprjetà ta' Rose Holland u Helena Holland illum Fountain u fl-istess kuntratt ma ġie konċess ebda titolu ta' kwalunque xorta lill-Empire Holdings Co. Limited;

Illi f'dawn l-aħħar xhur irriżulta lill-esponenti illi l-porzjon diviża ta' art li huma kienu biegħu lid-defunt Onor. P. Holland kienet ġiet u/jew qed tiġi żviluppata minn terzi persuni u wara riċerka li huma għamlu rriżulta li dana l-iżvilupp sar u/jew qed isir mill-protestati Peter Paul Muscat u Rita Muscat;

Illi għab-bażi ta' dan il-fatt l-esponenti għamlu riċerka dwar it-titolu li l-protestati konjugi Muscat għandhom fuq il-porzjon diviża ta' art in kwistjoni u rriżulta li permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Remigio Zammit Pace, datat 30 ta' Diċembru 1994, il-kumpannija Empire Holdings Co. Limited, kienet biegħet u ttrasferixxiet lil Peter Paul Muscat u Rita Muscat, il-proprjetà li l-istess kumpanija kienet akkwistat minghand Rose Holland u Helen Holland illum Fountain, li kienet teskludi dik il-porzjon li d-defunt Onor. P. Holland kien akkwista minghand l-esponenti;

That by means of a contract in the records of Notary Dr. Joseph Brincat dated 30th September 1982, the interpellants had sold and transferred to the deceased Honourable Minister Dr. Patrick Holland a divided portion of land of the area of 395 sq m (three hundred and ninety five square metres) in ta' l-Ibraġġ, Swieqi which at that time bordered on all the boundaries with property of the same Honorable Patrick Holland, saving on the West with property of a certain Saliba;

That this sale was made and accepted towards the price of eight hundred liri;

That furthermore by means of the same contract, the vendors, present interpellants, reserved in their favour the right that if the buyer, or rather the Hon. Patrick Holland, shall come to sell this land without immovable improvements, on it, the same Honourable Patrick Holland, shall have to sell it to the same vendors, present interpellants, for the price that the Honourable P. Holland had bought it (rather Lm800), or if improvements are built on it, the vendors, the present interpellants, shall buy it for the price mentioned (rather Lm800) besides, the value of the improvements which shall have been erected there on.

That by means of a contract in the records of Notary Joseph Brincat, dated 2nd May 1988, Rose Holland, wife of the Honourable P. Holland who had died on the 27th August 1986, in her own name and in the name of her daughter, at that a minor, Helena Holland sold and transferred to Empire Holdings Co. Limited, the property which she and her daughter had in ta' l-Ibraġġ, saving that portion that the deceased the Honourable P. Holland, had acquired from the interpellants. In fact in the said contract it is declared so: 'and on the West with another plot of land of the vendors (bought by them from Bernard Farrugia and which is not being sold and that shall remain property of the vendors and which has the area of three hundred and ninety five square metres (395sq. m.)'.

That thus this divided portion of land remained the property of Rose Holland and Helena Holland today Fountain and in the same contract no title of any sort was conceded to Empire Holdings Co Limited;

That during these last months it resulted to the interpellants that the divided portion of land that they had sold to the deceased Honourable P. Holland, had been and/or developed by third persons and following searches that they made it resulted that this development was made and/or is being made by the respondents Peter Paul Muscat and Rita Muscat;

That on the basis of this fact the interpellants made a search regarding the title that the respondents spouses Muscat have on the divided portion of land in question and it resulted that by means of a contract in the records of Notary Remigio Zammit Pace dated 30th December 1994, the company Empire Holdings Co. Limited, had sold and transferred to Peter Paul Muscat and Rita Muscat, the property that the same company had acquired from Rose Holland and Helen Holland, today Fountain, which exscluded that portion of land that the deceased Honourable P. Holland had acquired from the interpellants;

Inoltre rriżulta li permezz ta' l-istess kuntratt il-Kumpanija Empire Holdings Co. Limited issullokat lill-konjugi Muscat dik il-porzjon ta' art li l-esponenti kienu biegħu lill-Onor. P. Holland, …Omissis…

Għaldaqstant il-protestanti filwaqt li jġibu a formali konjizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti l-fatti fuq esposti qegħdin jipprotestaw ruħhom kontra l-protestati u jinterpellawhom sabiex:

1 …Omissis…

2. Il-protestati Rose Mary Holland u Helena Fountain xebba Holland, fi żmien jumejn jaddivjenu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt pubbliku relattiv li permezz tiegħu huma għandhom jitrasferixxu lill-protestanti l-porzjoni diviża ta' art tal-kejl ta' 395m2 (tliet mija u ħamsa u disgħin metru kwadru) ġewwa ta' l-Ibraġġ, is-Swieqi li dak iż-żmien kienet tmiss mill-irjieħ kollha ma' beni ta' l-istess Onor. Patrick Holland, salv mill-punent ma' beni ta' ċertu Saliba u liema porzjon diviża ta' art kienet ġiet akkwistata mingħand il-protestanti, u dana versu l-prezz ta' Lm800 (tmien mitt lira Maltin) oltre l-valur tal-benefikati li saru fuqha, jekk inhu l-każ, liema talba qed issir mill-protestanti ai termini tad-drittijiet tagħhom naxxenti mill-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Brincat datat 30 ta' Settembru 1982;

3. Il-protestati Empire Holdings & Co, ġa Empire Holdings Co Limited, sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni sofferti mill-protestanti b'konsegwenza tal-aġir tagħom;

u inoltre jqiegħdu lill-protestati in colpa, dolo et moro għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Protestanti: 22, Esperanto Street, Msida.

…Omissis…

Protestata: Rose Mary Holland, Blk. 3, Flat 2, Balluta Buildings, Triq il-Karmelitani, San Ġiljan.

Protestata: Helena Fountain, Blk. 3, Flat 2, Balluta Buildings, Triq il-Karmelitani, San Ġiljan.

…Omissis…

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 17 ta' Novembru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Furthermore it resulted that in virtue of the same contract the company Empire Holdings Co. Limited, had sublet to the spouses Muscat that portion of land that the interpellants had sold to the Honourable P. Holland …Omissis…

Thus the protesting parties whilst bringing to the notice of this Honourable Court, the facts above exposed are protesting against the respondents and calling upon them so that:

1 …Omissis…

2. The respondents Rose Mary Holland and Helena Fountain neé Holland, within two days come forward to the publication of the relative contract in virtue of which they are to transfer to the interpellants the divided portion of land of the area of 395 sq m (three hundred and ninety five square metres) in ta' l-Ibraġġ, Swieqi which at that time bordered on all the boundaries with property of the same Honourable Patrick Holland, saving on the west with property of a certain Saliba and which divided portion of land had been acquired from the interpellants and this towards the price of Lm800 (eight hundred Maltese Liri) besides the value of the improvements erected there on, if it be the case; which demand is being made by the interpellants, in terms of their rights resulting from the contract in the records of Notary Dr. Joseph Brincat dated 30th September 1982;

3. The respondents Empire Holdings & Co, previously Empire Holdings Co Limited, to come forward to the liquidation and payment of damages suffered by the interpellants as a consequence of their action;

and furthermore put the respondents in colpa, dolo et moro for all intents and purposes of law.

Interpellants: 22, Esperanto Street, Msida.

…Omissis…

Respondent: Rose Mary Holland, Blk. 3, Flat 2, Balluta Buildings, Carmelites Street, St. Julian's.

Respondent: Helena Fountain, Blk. 3, Flat 2, Balluta Buildings, Carmelites Street, St. Julian's.

…Omissis…

Registry of the Superior Courts, today 17th November 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*